MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 1261/2000/1

**Valhmor Borg Import Export Limited**

**Vs**

**Sean Cost Critien**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira maltin hamsa u tletin centezmu (Lm371.35) rapprezentanti l-prezz ta'diversi konsenji ta' prodotti tal-ikel ghall-konsum lill-konvenut mibjugha u konsenjati, flimkien ma l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta' Novembru 1997, tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali ghall-sejha ta' depositu illi qieghdin jigu ntavolati mal-avviz u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 33 tal-atti oltre d-digriet a fol 15.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Novembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm371.35,0 bl-imghax legali mit-13 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta’ Novembru 1997, tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-13 ta’ Settembru 2000 u tal-ittra ufficjali tal-istess data msemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------